**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 46

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 11 ta' Ottubru 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Daniel Mallia– Viċi Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

46.1.1 Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 45

46.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħamsa u erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

46.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

46.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsilliera Lorraine Farrugia, l-minuti tal-ħamsa u erbgħin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

46.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-Knisja l-antika tas-Salvatur. Huwa nforma lil Kunsilliera kif ix-xogħol preparatorju għar-restawr ta' din il-knisja beda u l-kunsill issa qed jistenna li titlesta l-applikazzjoni biex ikun jista japplika mal-Awtorita tal-Ippjanar.

46.3.2 Is-Sindku qal li ser tiġi organizzatha attivita kulturali għall-anzjani għal nofs Novembru u ppropona li ssir ħarġa fil-Birgu bi gwida professjonali u wara ikun hemm ikla l-Waterfront tal-Birgu. Il-Kunsill għandu joħroġ biss l-ispejjeż tat-Trasport.

**Il-Ħin kien 4:35pm meta wasal l-Kunsillier Joseph Zahra.**

46.3.3 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kollha kif l-applikazzjoni li ssottometta l-kunsill mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex issir manutenzzjoni fuq il-funtana fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, ġiet approvatha. Il-Kunsill ingħata l-fond kollu li applika għalih, jiġifieri total ta' €5,363.71, li min dan l-ammont il-kunsill jrid joħroġ biex 10% (€413.01) għaliex il-kumplament ser jiġi mħallas kollu mid-Dipartiment. Ser jingħata lil kunsill fil-jiem li ġejjien deposit ta' €2,787.79.

## 46.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

46.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm pero s-Sinjorina Lorraine Farrugia kellha mistoqsija żgħira li s-Sindku wieġeb u kklarifika dak il-ħin.

46.4.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet lis-Sindku jekk kellux ċans imur jitawwal l-istat tat-Triq Dun Karm Lia, kif ġibdet l-attenzjoni dwarha fis-seduta li għaddiet. Hija reġgħa qalet biex jekk possibbli jsir kuntatt mal-GAP, li kien il-kuntrattur li ħadem meta telgħat il-binja, forsi jirranġa l-ħsara li għamel fit-triq bl-inġenji tiegħu stess. Is-Sindku wieġeb kif għadu sejjer fuq il-post ħalli jara x'jista jsir. Huwa qal kif il-kuntrattur tal-GAP lanqas il-bankina fil-kantuniera ma kien rranġa sew meta kien qed jaħdem minkejja li kienet inġibdet l-attenzjoni dwar dan aktar minn darba u anke sarlu rapport l-għassa.

## 46.5 Korrispondenza

46.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex inhi korrispondenza numru 00179. Is-Sindku nfurmaha kif resident kiteb lil Kunsill dwar l-istat tat-triq Annibale Preca sqaq nru 2 u kif huwa lest jgħin bil-finanzjament biex jingħata wiċċ ġdid lil dan l-isqaq. Is-Sindku qal kif dan ir-resident ġie nfurmat li l-kunsill ħa nota ta' l-istat ta' dan l-isqaq u l-kunsill talab l-għajnuna lil IM biex jitranġa dan l-isqaq għax kif kulħadd jaf il-kunsill manutenzzjoni ħafifa jista jagħmel u m'għadhix ir-responsabbilta tal-kunsill li jagħti wiċċ ġdid lit-toroq imma din hija xi ħaġa li IM qed tieħu ħsieb.

46.5.2 Is-Sinjorina Farruga u s-Sinjur Zahra xtaqu jkunu jafu x'inhi korrispondenza numru 00188. Is-Sindku nfurmahom kif din titratta dwar it-telephone box li hemm fi Triq il-Forn maġenb il-kappella. Resident ħa l-inizjattiva li jikkonverti din it-telephone box fi librerija żgħira. Il-Kunsill issa bl-għajnuna tal-ħaddiema Frankie u Marco, fil-jiem li ġejjien ser jara kif jista jagħmel manutenzzjoni fuq din it-telephone box biex tingħata dehra aħjar u biex żgur jiġi assigurat li jekk tagħmel ix-xita ma jidħolx ilma fit-telephone box u jixxarbu l-kotba. Is-Sindku qal kif il-kunsill għandu anke jippromovi din it-telephone box fir-raħal u jitlob lil public library forsi din tista tagħti lil kunsill aktar kotba li jistgħu jitpoġġew fiha. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb dwar dan.

46.5.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 00207 bl-isem 'Parking boxes'. Is-Sindku nfurmaha kif dik hija korrispondenza dwar resident li lmenta mal-kunsill dwar kif saru l-kaxxi tal-parking wara li ngħata wiċċ ġdid lil Triq Ħal Bordi. Is-Sindku qal kif korrispondenza bħal din hija ħaġa komuni u normalment wara li IM tkun tat wiċċ ġdid lit-triq u tiġi tagħmel il-linji, il-kunsill kemm il-darba jispiċċa jmur wara IM u jirranġa l-linji hu għax ma jkunx sar kollox kif ikun instab.

46.5.4 Is-Sur Cini għamel rimarka dwar korrispondenza numru 00213, fejn staqsa kemm ser iddum TM biex tapprova l-applikazzjoni tal-kunsill li ssottometta għal Triq Sant Andrija sqaq nru 1 biex tiġi pedestrian only. Huwa qal kif riċenti għadda trakk li għamel ħafna ħsara fit-triq fejn kisser mera, l-isem tat-triq, għawweġ xi tabelli u anke għamel ħsara fuq l-faċċata ta' xi residenza. Trakkijiet mhux suppost jgħaddu minn din it-triq għax hemm it-tabelli u filfatt dwar dan l-aċċident sar anke rapport mill-kunsill mal-għassa. Is-Sindku qal kif ser jagħmel kuntatt ma' min hu responsabbli minn TM dwar dawn l-applikazzjonijiet biex jara għalfejn qed ikun hemm dewmien fuq din l-applikazzjoni. Is-Sur Dalli qal kif applikazzjoni bħal din trid titella quddiem board u l-board ta' TM darba fix-xahar jiltaqa, pero jekk TM ser iddum ħafna biex tapprova din l-applikazzjoni, l-kunsill qed jikkunsidra li jaqbad u jagħlaq l-isqaq xorta bi removable bollards għaliex ma jistax ikun li jibqgħu jgħaddu t-trakkijiet u jagħmlu l-ħsara.

46.5.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet dwar korrispondenza numru 00236 fejn staqsiet jekk hemmx xi aħbar tajba dwar l-installazzjoni ta' bus shelters ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik hija biss PQ li ntbgħatet lil kunsill biex jgħid fl-liema toroq kienu ntalbu bus shelters ġodda għaliex xtaq ikun jaf il-Ministeru.

## 46.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-audited financial statements, management letter, u risposta tal-kunsill finali għas-sena 2021

46.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill kopja finali tal-audited financial statements flimkien mal-management letter 2022 (Ittra ta' direzzjoni) datata 14 ta' Settembru 2022 li minkejja din id-data, din uffiċjalment waslet il-kunsill fid-29 ta' Settembru 2022.

46.6.2 Fuq il-mejda tal-kunsill tpoġġiet ukoll ir-risposta tal-management letter 2021 (Ittra ta' direzzjoni) bid-data 11 ta' Settembru 2022. Kopja tal-Ittra ta' direzzjoni 2021 flimkien mar-risposta ppreparatha ngħatat lil Kunsilliera kollha. Preżenti waqt din il-parti tal-laqgħa ma kienx hemm l-accountant tal-kunsill, allura s- Sinjorina Borg tat spjegazzjoni fil-qosor ta' dawn ir-rapporti.

46.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Borg spjegat kif fil-fehma tagħha l-audit mar tajjeb u riflessjonijiet negattivi fuq l-operat tal-kunsill m'hemmx. Is-Sinjorina Borg qalet kif għas-sena 2021 l-audit aktar iffoka fuq is-sistema tal-accounts li għandu l-kunsill. Filfatt hija qalet li jekk wieħed iħares lejn il-management letter, il-kummenti imnniżla kważi kollha għandhom x'jaqsmu ma kif jiġu inputted l-accounts, li jsiru mill-book keeper u l-accountant.

46.6.4 Is-Sinjorina Borg semmiet il-kummenti li tniżlu fil-management letter li għalihom ingħatat risposta.

46.6.5 Is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet u mistoqsijiet ma kienx hemm.

46.6.6 Il-Kunsill unanimament approva l-Ittra ta' Direzzjoni 2021 u kif ukoll qabel li tintbgħat ir-risposta ssuġġeritha.

## 46.7 Aġġornament dwar *l-End of Summer Family Festival*

46.7.1 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita li tella l-kunsill bi kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant, bl-isem 'End of Summer Family Festival', nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru bejn 6:00pm u 11:00pm, fil-Pjazza Trasfigurazzjoni.

46.7.2 Is-Sur Dalli qal li fl-opinjoni tiegħu l-attivita kienet tajba ħafna pero dejjem hemm lok kif din tista titjib. Il-Messaġġi kienu posittivi ħafna mingħand dawk kollha li attendew l-festival, speċjalment minn koppji li kienu bit-tfal żgħar għax sabu li din l-attivita kienet waħda utli għal familja kollha.

46.7.3 Is-Sindku rringrazzja lil dawk kollha li għinu biex din l-attivita nnovattiva kienet ta' suċċess. Il-preparamenti kollha għal din l-attivita saru mis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff amministrattiv, flimkien mal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Frankie Buttiġieġ u Marco Grech u kif ukoll grazzi lil Kunsillier Donio Cini, għal impenn tagħhom favur din l-attivita.

46.7.4 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv ma setatx ma tkomplix mas-Sindku fejn anke rringrazzjat lilu bħala Sindku li kien il-moħħ wara din l-attivita u rringrazzjatu tal-ħin personali tiegħu li huwa ddedika waqt li kienu qed issiru l-preparamenti għal dan il-festival.

## 46.8 Preparazzjonijiet Milied 2022

46.8.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar it-tiżjien tal-Milied. Huwa ppropona li din s-sena t-tiżjien tal-Milied isir fil-Pjazza Trasfigurazzjoni u jibqa nieżel sat-Torri Belvedere dan billi jitpoġġew il-pirandi u fin-nofs id-disinji. Bħas-sena l-oħra wkoll qed jiġi propost li tiġi armatha s-siġra tal-Milied fil-ġenb għaliex fin-nofs tkun daqsxejn ta' periklu u trid aktar xogħol biex tiġi armatha sew. Ser jinkrew ukoll xi arbli bħas-soltu mill-festi ta' barra u naturalment irrid jinkera meter tad-dawl kif isir kull sena. Is-Sindku ser jipprova ukoll iħajjar lil Kappillan iżejjen l-ixtur taz-zuntier.

46.8.2 Is-Sindku kompla jgħid kif din is-sena ukoll il-kunsill ser jerġgħa jarma s-siġar bil-fairylights u ser jiprova jibqa nieżel bl-armar ta' dawn il-fairy lights fis-siġar sa ħdejn il-ġnien, sa mal-kantuniera ta' Triq Giovanni Barbara. B'hekk ikun hemm kontinwazzjoni fit-tiżjien għax kollox jibda mill-Pjazza u jibqa nieżel sa fejn it-Torri u l-ġnien. Hawnhekk is-Sur Cini staqsa jekk id-dawra ta' mal-Pjazza mhux ser tiġi mżejna ukoll u s-Sindku wieġeb kif din is-sena le mhux ser tkun armatha d-dawra u minnflokk it-tijr huwa li t-tiżjien ikompli sa ħdejn it-torri u l-ġnien kif huwa diġa spjega. Biex tiġi armatha d-dawra tal-pjazza, l-ispiża hija akbar u biex rama din id-dawra s-sena li għaddiet, l-kunsill spiċċa nefaq ħafna flus fuq il-kiri tal-hi-up biex ġie armat u mżarma t-tiżjien.

46.8.3 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif din is-sena l-kunsill aktarx mhu ser ikollu ammont ta' fondi daqs li s-sena li għaddiet biex jonfoq fuq it-tiżjien tal-Milied għalhekk irrid ikun responsabbli aktar dwar fejn u x'tip ta' tiżjien ser isir fir-raħal. Aktarx li l-kunsill kull mhu ser ikollu huwa l-fond tat- 3,000 EUR tar-Reġjun Lvant għaliex s'issa jidher li l-MTA mhux ser tagħti fondi. Biss is-Sur Dalli qal li ser jiprova jġib l-approvazzjoni tar-Reġjun biex il-kumplament tal-flus li ser jifdallu x'jonfoq il-kunsill taħt il-fond tal-kultura, sports mużika, jum lokali u baned, jiġu amalgamati u miżjuda mal-fond tal-Milied biex ma jintilfux u biex il-kunsill ikun jista jinvesti fi tiżjien varjat fil-Milied.

46.8.4 Waqt id-diskussjoni li saret dwar it-tiżjien tal-Milied ġiet diskussa ukoll il-possibbilta li jkun hemm tiżjien fis-siġar tal-prinjol fil-pjazzetta iż-żgħira li hemm quddiem il-kappella tal-Mirakli biex anke hemm fuq fil-Milied jingħata daqsxejn ta' ħajja. Isemma ukoll tiżjien li l-kunsill jista jinvesta biex jixgħel il-faċċata tal-binja amministrattiva u jekk possibbli anke forsi jsir xi tiżjien quddiem il-binja tal-kunsill imdendel sa faċċata fit-triq.

46.8.5 Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel lista tat-tiżjien kollu li jrid jinxtara /jinkera u ser jibdew jintbgħatu l-imejls għall-istimi neċessarji.

46.8.6 Umbgħad is-Sur Dalli tkellem dwar xi attivitajiet li ser jiġu mħejjija għaż-żmien tal-Milied. Huwa nforma lil kunsilliera kif l-ikla tal-kunsill mal-istaff aktarx bħala data ssir fis-16 ta' Diċembru. Fis-17 ta' Diċembru diġa hemm ukoll il-party tal-Milied li qed torganizza l-AKL.

46.8.7 Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif l-kunsill ser jiprova jerġa jorganizza l-Bibita fis- 27 ta' Diċembru. Dwar din l-attivita ser jiġi kkuntatjat il-kappillan filfatt biex naraw jekk hijiex vakanti s-Sala l-Kbira ġewwa Villa Lia.

46.8.8 Is-Sindku qal li huwa tkellem ukoll mal-Kappillan biex forsi jsir kunċert fil-Knisja jew quddiesa bil-mużika. Huwa tal-parir li din ssir fit-18 ta' Diċembru filgħaxija.

46.8.9 Fl-24 ta' Diċembru hemm ukoll il-purċissjoni tal-bambin. Hawnhekk il-Kunsillier Zahra ssuġġerixxa biex qabel jew wara din il-purċissjoni jindaqqu il-carols tal-Milied fuq iz-zuntier. Is-Sindku qal kif dwar dan huwa diġa tkellem mas-Superjur tal-Mużew għaliex anke staqsieh jekk jieħux pjaċir jekk il-Kunsill jikrilu baqra, ħmara u tlett ngħaġiet għal waqt il-purċissjoni, pero s-Superjur għadu ma kkonferma xejn għaliex irrid jiċċekja xi affarijiet l-ewwel qabel jagħti risposta. Ġie ssuġġeriet il-kor tal-Għargħur biex ikantaw dawn il-carols, amalgamat mal-kant tat-tfal tal-mużew.

46.8.10 Fit-12 ta' Diċembru tal-mużew ser jagħmlu anke xi attivita bix-xemgħat u l-kant fejn is-salvatur il-qadim. Il-carols jistgħu jindaqqu anke dakinhar jekk filkas. Jistgħu anke jiġu nstallati xi erbgħa stalls żgħar biex in-nies jitħajru aktar jattendu, fejn dawn l-istalls ikunu armati bil-mulled wine, christmas logs, mince pies etċ.

46.8.11 Is-Sindku ssuġġerrixxa attivita oħra ukoll fejn qal li peress li din is-sena l-presepju Ħaj mhux ser isir, il-kunsill jista jsib post fejn jarma grotta ħajja u ħdejha jkun hemm il-kant tal-Milied għaddej ukoll.

46.8.12 Wara dan ġie diskuss li fit-23 ta' Diċembru ssir l-attivita tat-tqassim tar-rigali ta' mother christmas. Is-Sindku qal kif pero din l-attivita għandha tingħata daqsxejn ta' spinta u kien hemm suġġeriment biex għal din is-sena minnflokk jinkrew żewġ karozzini. Fuq karozzin minnhom ikun hemm mother christmas u warajha fuq il-karozzin l-ieħor ikun hemm xi bandisti jdoqqu mużika tal-Milied. Ġie diskuss ukoll li f'każ li jkun hemm ħafna nies nteressati f'din l-attivita, it-tqassim tar-rigali għandu jsir fuq jumejn fit-22 u fit- 23 ta' Diċembru u jekk possibbli jibqa kmieni t-tqassim fil-5:00pm.

46.8.13 Attivita oħra li ppropona s-Sindku hija li ssir ikla f'nofsinhar għal komunita anzjana u dawk ir-residenti li ma tantx joħorġu minn djarhom. Is-Sur Dalli ssuġġerrixxa li din l-attivita ssir fit-12 ta' Diċembru bi caterer fis-sala Villa Lia. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija tista anke tgħid lil xi studenti tal-ITS biex jiġu jsajru dakinhar minnflokk jinkera caterer.

46.8.14 Is-Sur Dalli nforma wkoll lil Kunsilliera kif permessi ta' makkinarju u għeluq tat-toroq naturalment mhux ser jingħataw fi 24,25,26,31 ta' Diċembru 22 u fil 1 u 2 ta' Jannar 2023.

## 46.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

46.9.1.1 <u>Aġġornament dwar it-talba għal kiri ta' vettura għall-community police</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv tat update dwar it-talba li kienet tressqet mingħand is-Surġenta tal-community police biex tinkera karozza bejn il-Kunsilli Ħal Lija, Ħal Balzan, Iklin u Attard, għall-uffiċjali nkarigati milli jagħtu servizz lil komunita f'dawn l-irħula.

46.9.1.2 Is-Sinjorina Borg qalet kif it-tlett kunsilli l-oħra ukoll approvaw fis-seduti tagħhom li din il-karozza tinkera biss għal sena, trid tintuża biss f'dawn l-erbgħa lokalitajiet waqt li qed jingħata s-servizz, il-karozza jrid ikollha fuqha l-logos tal-kunsilli u meta ma tkunx qed tintuża din trid tibqa pparkjatha f'waħda mill-lokalijiet u l-vettura jrid jkollha tracker fuqha. Il-Kunsilli kollha qablu ukoll li spejjeż ta' fuel u manutenzzjoni jridu jieħdu ħsiebhom il-pulizija u din l-ispiża mhux ser titgħabba mill-kunsill.

46.9.1.3 Is-Sinjorina Borg staqsiet lil kunsilliera kollha jekk għadhomx jridu jipproċedu huma wkoll bħala kunsill billi japprovaw li tinkera din il-vettura lil pulizija tal-komunita, bil-kundizzjonijiet imsemmija. Kemm il-darba l-kunsill għadt m'għandux oġġezzjoni, s-Sinjorina Borg xorta ssuġġeriet li qabel ma tinkera l-karozza, l-aħjar li l-ewwel isir meeting mas-Surġenta tal-community police u mal-ispettura biex ikun hemm qbil dwar il-kundizzjonijiet tal-kiri ta' din il-vettura.

46.9.1.4 Il-Kunsill baqa ma sabx oġġezzjoni biex tinkera din il-vettura bil-kundizzjonijiet msemmija u anke qabel mas-suġġeriment tas-Sinjorina Borg, qabel ma tinkera din il-vettura.

46.9.2.1 <u>Kwotazzjonijiet għal antriporta għall-uffiċċju tal-kunsill</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill kwotazzjonijiet biex tiġi nstallatha antriporta fl-uffiċċju l-ġdid tal-kunsill. Il-Kwotazzjonijiet għal din l-antriporta intalbu għal ċertu qis, materjal abjad bi ħġieġ laminated u naturalment il-bieb irid ikun bil-locks miż-żewġ naħat.

46.9.2.2 Is-Sinjorina Borg qrat u spjegat l-erbgħa kwotazzjonijiet li rċieva l-kunsill. Is-Sindku spjega kif baqa xi kuntratturi li għadt jridu jirranġaw l-istimi tagħhom tal-aħħar u għalhekk ser jingħata ftit ċans ieħor biex dawn jibgħatu l-kwotazzjonijiet tagħhom emendati.

46.9.2.3 Il-Kunsill iddeċieda li appena l-kunsill ikollu l-kwotazzjonijiet kollha iffinalizzati f'idejh, imexxi bl-irħas kwotazzjoni.

46.9.3.1 <u>Kwotazzjonijiet Vann tal-eletriku ( SKEMA LESA)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta' vann tal-elettriku li l-kunsill kien għadu qed ifittex biex jinxtara mill-fondi allokali għalih mingħand il-kumpanija LESA.

46.9.3.2 Is-Sinjorina Borg spjegat kif il-kunsill prova jakkwista kwotazzjoni għal vann tal-eletriku (7-seater) mingħand il-kumpaniji: Peugeot, Citroen, Opel, Mercedes, Gasan, Michael Attard (Blata l-Bajda) u Nissan, pero wieġbu biss l-kumpaniji Citroen, Nissan u Michael Attard.

46.9.3.3 Is-Sinjorina Borg qalet kif il-Kumpanija Nissan qalet li hija bħalissa m'għandix vannijiet tal-eletriku kif qed jitlob il-kunsill u anqas 7-seater. Is-Sinjorina Borg qrat u kkumparat iż-żewġ kwotazzjonijiet l-oħra mgħottija mingħand Citroen u Michael Attard.

46.9.3.4 Ġie deċiż li l-kunsill jipproċedi bl-irħas kwotazzjoni u jimla l-formula mitluba ta' direct order għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex b'hekk ikun finalment jista jiġi ordnat dan il-vann.

46.9.4.1 <u>Approvazzjoni ta' Finanzjament lil aljevi tal-Banda San Pio X</u>
Tressqet proposta fuq il-mejda tal-kunsill biex mill-fondi tar-Reġjun Lvant, taħt l-iskema tal-Kultura, Sports, Mużika, Jum il-lokal u Baned, jingħata finanzjament ta' 2,000 EUR lil aljevi tal-Banda San Pio X.

46.9.4.2 Il-Kunsill unanimament qabel dwar din il-proposta.

46.9.5.1 <u>Approvazzjoni ta' finanzjament lit-Team tal-futbol tan-Nisa u l-bniet</u>
Tressqet proposta fuq il-mejda tal-kunsill biex ukoll mill-fondi tar-Reġjun Lvant, taħt l-iskema tal-Kultura, sports, Mużika, Jum il-Lokal u Banad, jingħata finanzjament ta' 1000 EUR lit- Team tal-futbol tan-Nisa u l-bniet biex jinxtraw xi lasti.

46.9.5.2 Il-Kunsill unanimament qabel dwar din il-proposta.

46.9.6.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tat-tieni set tat-Traffic Counts</u>
Is-Sindku qal kif wasal iż-żmien li l-kunsill jagħmel it-tieni set tat-traffic counts, li kellu jagħmel wara li bdiet l-iskola u anke wara u naqset il-pandemija tal-Covid biex ikollu rendikont tal-volum tal-karozzi li qed jgħaddi mir-raħal u biex jara jekk dan baqax l-istess, naqasx jew żdiedx

46.9.6.2 Naturalment dawn it-traffic counts jerġgħu jiġu nstallati kif diġa kien sar l-ewwel darba, fi Triq Annibale Preca u fi Triq Sant Andrija.

46.9.6.3 Il-Kunsilliera unanimament qablu dwar dan.

## 46.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

46.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 10/22 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €96.32 għax-xahar ta' Settembru.

46.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsilliera Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 46.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

46.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill. Dawn l-applikazzjonijiet dejjem anke tintbgħat kopja tagħhom għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha, biex kemm il-darba jagħti każ li jkunu jixtiequ joġġezzjonaw fuq xi applikazzjoni, jkunu jistgħu jitolbu biex isir dan.

## 46.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

46.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

46.12.2 Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif persuna li għandu l-familjari tiegħu jgħixu f'Ħal Lija, ġej lura mill-Awstralja dalwaqt u jixtieq jiltaqgħa mal-kunsill kollu. Ġie propost biex il-kunsilliera flimkien mas-Sindku jiltaqgħu ma' din il-persuna fl-1 ta' Novembru fl-4:30pm.

46.12.3 Is-Sindku tkellem dwar it-tberik tal-uffiċċini tal-kunsill l-ġodda. Ġie deċiż li t-tberik ser isir fis-26 ta' Ottubru fl-10:00am. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lil persuni kollha kkonċernati, li ser ikunu mistiedna għal waqt dan it-tberik, b'permezz ta' imejl.

46.12.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet dwar il-footpath fil-ġnien Ċentru Rikreattiv u l-infestazzjoni ta' ġrieden li hemm f'din il-parti. Is-Sindku qalla kif diġa jaf dwar din il-problema u l-amministrazzjoni rrapurtat dan il-każ lis-sanita. Is-Sinjorina Farrugia qalet li hija wkoll ċemplet lis-Sanita, fejn dawn ġew fuq il-post u provaw jitfaw il-velenu pero diffiċli biex issibu post adekwat għal velenu mingħajr ma dan jiekluh l-qtates. Minħabba f'hekk allura hija ssuġġerriet biex din l-akwata titnaddaf u l-community gardening li kienet issuġerriet hi jistax isir propju f'din l-akwata. Is-Sindku qal li l-community garden ma jistax jsir hemmhekk għaliex dak l-ispazju huwa spazju alternattiv biex xi darba tinbena il-binja uffiċċjali tal-kunsill.

46.12.5 Is-Sinjorina Farrugia talbet lil kunsill biex jagħmel reminder lil AKL dwar il-proġett tal-community gardens li kien ura interess fih biex jitwettaq fi Triq Robert Mifsud Bonniċi fejn il-ground. Is-Segretarju Eżeuttiv ser tieħu ħsieb terġa tagħmel kuntatt mal-AKL.

46.12.6 Is-Sinjorina Farrugia staqsiet ukoll jekk tistax ssir dik il-plakka li kien hemm fil-ġnien fejn il-playing field bl-ismijiet tas-Sindki u l-kunsilliera. Is-Sindku tal-opinjoni li jsiru żewġ biċċiet perspex waħda bl-ismijiet tas-Sindki u l-oħra bl-ismijiet tal-Kunsilliera. Is-Sindku ser jara fejn din tista ssir eżatt.

46.12.7 Is-Sur Ċini għamel rimarka dwar tabella ta' no right turn li hemm faded viċin fejn kienet il-posta, biex dak li jkun ħiereġ minn Triq Mikielanġ Borg ma jistax jdur lejn il-pjazza ovjament għax one-way. Huwa qed jitlob biex forsi issir tabella oħra faċċata addizzjoni fuq pole bi vleġġa biex turi li wieħed fuq il-left biss jista jmur. Is-Sindku ma qabilx li ssir tabella addizzjoni oħra u r-right turn li hemm diġa biżejjed. Il-Kunsill li jrid jagħmel huwa li jibdel din it-tabella ta' no right turn biss, biex tkun aktar visibli.

46.12.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet biex Triq Enejja ssir pedestrian ukoll għax dik mhux triq li jgħaddu ħafna karozzi minnha. Is-Sindku qal li le, alissa din ma tistax ssir pedestrian għax hemm minn qed jaħdem f'din it-triq u apparti minn hekk is-Sur Ċini ġibed l-attenzjoni li hemm ħafna residenti li f'din it-triq għandhom il-garaxxijiet. Is-Sindku qal kif f'din it-triq problema waħda hemm għax qed jidħlu l-vannijiet li anke jibqa fin-nofs u hemm bżonn jintbgħat il-gwardjan biex jagħmel moniteraġġ dwar dan.

46.12.9 Is-Sur Ċini tkellem dwar disabled parking li hemm fejn l-istatwa ta' San Ġużepp fejn qal li avviċinah xi resident u qallu li l-persuna għal min kienet saret din il-kaxxa miet u biex jara jekk il-kaxxa tistax issir bajda. Is-Sindku qal kif il-kunsill diġa jaf b'din it-talba u bgħat lil TM dwar din il-kaxxa biex forsi tingħata konferma dwar l-użu tagħha għax milli jista jifhem hu mid-dehra hemm xi ħadd ieħor li qed jagħmel użu minnha għax fil-verita dik communal disabled parking u mhux reserved għal persuna speċifika.

46.12.10 Il-laqgħa ntemmet fi 6:00pm.

46.12.11 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru 2022 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:30pm, mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 16 ta' Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |